MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 994/2003

**Malta Football Association**

**Vs**

**Michele Ronald Muscat**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-assocjazzjoni attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) rapprezentanti danni kkagunati f'wiehed mill-bibien ta' l-aluminium li qieghed fil-Millenium Stand, Stadium Nazzjonali f'Ta' Qali u dan b'rizultat ta' incident tat-traffiku li gara fis-27 ta' Jannar, 2003 meta l-konvenut kien qieghed isuq vettura tal-marka Leyland bin-numru ta' registrazzjoni JAF 473 ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra nterpellatorja tas-26 ta' Frar, 2003 ta' l-ittra ufficjali li gietipprezentata

kontestwalment mal-kawza kontra Elmo Insurance Agency Limited u bl-imghax.

Illi l-konvenut irrisponda illi qatt ma kien hemm oppozizzjoni tal-konvenut jew l-assigurazzjoni tieghu li ssir favur l-assocjazzjoni attrici likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni minnha attwalment subiti bhala konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku in kwistjoni izda kkontendiet illi l-quantum tad-danni huwa esagerat u ma jirrispekkjax l-ammont ta' danni attwalment, rejalment u materjalment imgarrba mill-assocjazzjoni attrici.

Ra x-xhieda traskritta ta' Annunziato Frendo u Ludwig Camilleri.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda ta' Paul Barberi u Ludwig Camilleri.

**Ikkunsidra**

Illi l-incident sehh meta l-konvenut li kien qed isuq il-vettura JAF 473 f'Ta' Qali rriversja u laqat skip u b'rizultat ta' dan l-iskip intefa' fuq il-bieb in kwistjoni.  Dwar responsabbilta' m'hemmx kontestazzjoni.

Il-kontestazzjoni hija fuq il-*quantum*.

Annunziato Frendo xehed illi l-hsara subita kienet tikkonsisti fi hgiega kbira li kienet fil-Millenium Stand li kienet ixxaqqet u kellha tinbidel izda hu jghid li ma rax l-incident u li jaf huwa dak li huwa mnizzel mir-rapport tal-pulizija u dwar it-tiswija hadu hsiebha l-Bord tal-MFA.

Ludwig Camilleri kien il-kuntrattur inkarigat mill-MFA sabiex jaghmel ix-xoghlijiet ta' l-aluminium u aperturi fil-faccata tal-Millenium Stand u parti mix-xoghol kien jinvolvi t-tqeghid ta' l-istruttura ta' l-aluminium u tqeghid ta' hgieg. Wara li gara l-incident l-assocjazzjoni rreferiet lilu u fil-fatt huwa nnota li kien hemm hsara fil-bieb illi jaghti gewwa l-pixxina kemm fil-hgieg kif ukoll fil-frame.  Huwa spjega li l-aluminium m'huwiex aluminium normali li jinstab

normalment fis-suq izda huwa aluminium specjalment ordnat minn barra u huwa ntiz sabiex iservi ta' insulator. Huwa spjega li anke l-hgieg huwa tip ta' materjal specjali b'mod illi ma jassorbix shana. Huwa fil-fatt kien ordna dan il-materjal specjalment ghall-assocjazzjoni attrici minn barra u l-ispiza relattiva sabiex tigi mibdula l-bieba hija ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200).

Meta xehed l-ewwel darba fil-21 t'Ottubru, 2003 ix-xoghol ma kienx ghadu sar izda mbaghad meta eventwalment rega' xehed fil-25 ta' Mejju, 2004 ix-xoghol kien sar u hu kien thallas.

Sema' x-xhieda ta' Paul Barberi li kien ghamel survey fil-21 ta' Frar, 2003 u qal li huwa kien ra biss il-hsara fil-hgieg u ma kienx innota li kien hemm hsara fil-frame tal-bieb ta' l-aluminium. Huwa ha ritratti u dawn gew debitament esebiti. Mistoqsi biex ighid jekk il-hsara kienetx ukoll fl-aluminium u fir-rail, hu jghid li huwa ma nnotax din il-hsara u kieku nnota kien inizzlu fir-rapport. Paul Barberi gie nvitat sabiex jerga' jezamina l-bieb in kwistjoni u xehed fit-2 ta' Marzu, 2004 fejn ikkonferma illi meta talab biex jara l-bieb l-antik, Ludwig Camilleri urih biss parti mill-frame ta' l-aluminium tal-bieb l-antik u ghalhekk ma setghax ighid jekk inbidilx il-frame kollu tal-bieb billi hu kien ra parti mill-bieb innifsu u mhux kollu.

Ludwig Camilleri rega' xehed u spjega illi l-ewwel darba li ra l-hsara fil-bieb in kwistjoni kien meta l-bieb kien ghadu fuq il-post u kien ra li l-hgiega kienet imkissra u l-frame tal-bieb kien mibrum. Il-hsara kienet ikkoncentrata fil-left flap ta' bieb li ghandu zewg flaps u fil-fatt kienet din il-left flap li nbidlet u l-ispiza relattiva kienet ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200). Biex saret ir-riparazzjoni ordna l-bieb appostament minn barra u l-prezz ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) kien wiehed globali.

It-Tribunal jidhirlu li f'kazijiet simili, min jaghmel hsara f'proprjeta' ta' terzi b'rizultat tan-negligenza tieghu, bhalma huwa l-kaz odjern, huwa obbligat illi jirreintegra lill-parti lezi fil-proprjeta' tieghu kif kienet qabel ma sehh l-incident. F'dan il-kaz in kwistjoni, meta sehh l-incident

kien ghadu kif gie nstallat il-bieb in kwistjoni li ghalhekk kien gdid fjamant

It-Tribunal m'ghandux dubju illi effettivament, minbarra li nkisret il-hgiega tal-bieb, il-frame relattiv gie mibdul. Mir-ritratti esebiti jidher li ghalkemm il-hgiega nkisret dan baqa' shih imwahhal mal-frame u ghalhekk it-tezi ta' l-atturi li l-bieb imbaram bid-daqqa hija wahda verosimili u fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal sodisfacentement pruvata.

Ix-xhieda prodotta mill-assocjazzjoni attrici spjegat ghaliex il-bieb kien jiswa' prezz illi normalment jitqies bhala wiehed gholi u dan billi l-bieb kien maghmul b'materjal specjali mahdum barra minn Malta u li kien fih double-glazing apposta biex ma jassorbix shana.

Mill-provi jirrizulta li lill-assocjazzjoni attrici swiethilhom is-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) sabiex il-hsara tigi riparata. Ma kienx hemm betterment. Il-bieb sempliciment gie rimpjazzat b'iehor gdid – kaz klassiku ta' *resttutio in integrum*. Konsegwentement it-Tribunal jidhirlu illi t-talba attrici hija gustifikata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-assocjazzjoni attrici s-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) bl-ispejjez u bl-interessi mill-4 ta' Lulju, 2003 (data tan-notifika ta' l-Avviz).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------